# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


---

Minuti tas-seduta numru disgħa u ħamsin (59) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 1 ta' Lulju, 2010, fit-6:00am, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

3. Is-Sindku ikkonferma li l-installar tas-sistema fotovoltajika tlestiet u l-Inġinier tal-Kunsill ġie illum sabiex jkejjel u jiċċertifika li x-xogħol sar skond it-tender.

4. Is-SE ikkonferma li l-Kunsill ħareġ l-avviż fil-gazzetta tal-Gvern rigward il-gabbani ta' l-ikel fil-festa. Dan l-avviż jinkludi li l-postijiet tal-gabbana ser jinbidlu u li l-applikanti ser jitilagħu bil-polza. L-okkupanti tal-postijiet preċedenti ser jiġu avżati b'ittra rigward dan l-avviż.

5. Jerome Busuttil rimarka li x-xogħol ta' restawr fuq in-niċeċ għadu ma bediex. Is-sid ta' l-istatwa tal-Kunċizzjoni f'Triq San Pawl ta lil Kunsill il-permess tiegħu sabiex jibda x-xogħol ta' restawr filwaqt li sid l-istatwa f'Triq San Pawl kantuniera ma' Triq San Franġisk għadu ma weġibx l-ittra tal-Kunsill.

6. Is-Sindku rimarka li sa illum għadu ma ġiex il-perit tal-MEPA sabiex jiċċertifika x-xogħol li sar f'Misraħ San Ġużepp. Ix-xogħol issa tlesta aktar minn nofsu għalkemm il-perit tal-MEPA irid joħroġ iċ-ċertifikat tiegħu fuq dan ix-xogħol qabel ma jgħaddu l-pagamenti ikkonċernati lil-Kunsill.

7. L-Għażla ta' l-għalliema u l-assistenti għal Skola Sajf 2010 saru nhar Tlieta 22 ta' Ġunju, 2010. Il-persuni ikkonċernati ġew ikkuntatjati u ikkonfermaw il-ħatra tagħhom.

**Korrispondenza**

8. Il-Kunsill irċieva talba minn għand l-kowċ tal-football sabiex tinxtara pompa ta' l-arja għal-football nursery li tiswa Euro 99. Din ġiet approvata mill-Kunsill

**Proġett tal-Karwija**

9. Is-Sindku qara korrispondenza bejn il-Kunsill u s-Sur Camilleri, c-Chairman Eżekuttiv tal-Malta Enterprise. Is-Sur Camilleri spjega li minħabba limitazzjonijiet ta' fondi, ma tistax tingħata għajnuna finanzjarja minn l-SRT sabiex issir kemm Triq tal-Ġawhar fil-Karwija bit-tarmak kif wkoll il-bankini fit-Triq ta' Gawhar. Il-Kunsilliera issuġġerew diversi proposti ta' x'jista jsir b'risq ir-raħal. Għal dan il-Kunsilliera qablu li is-Sindku jitlob appuntament mal-Malta Enterprise u l-Kumpanija SRT sabiex jiddiskutu il-proposta tagħhom.

10. Eddie Bonello rimarka li t-Triq taċ-Ċimiterju ta' Ħal Kirkopp għada ma saritx bit-tarmak kif imweda mill-ADT, għaliex din ser tkun l-iqsar triq li tintuża mill-Ħal-Safin meta tingħalaq Triq il-Karwija. Mill informazzjoni li għandu, is-Sindku assigura li din titlesta qabel ma tiġi magħluqa Triq il-Karwija.

**Festival Letterarju fil-Lokalita ta' Ħal Safi**

11. Is-SE irrimarka e-mail minn Miriam Cassar mil-VersAghtini IKM. L-Akkademja tal-Malta flimkien ma' VersAghtini Il-Kelma Maltija (IKM) jixtieqµ jorganizzaw Festival Letterarju fil-lokalita ta' Ħal Safi nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju, 2010. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta u ser nikkunttatjaw l-organizzatur ta' din l-attivita sabiex jinftemu l-affarijiet loġistiċi rigward din l-attività. Il-Kunsilliera approvaw pagament ta €100 għal din l-attivita.

**Ħwejjeġ oħra**

12. Francis Callus rimarka diżgwid li kellu personalment mal-*forman* tal-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħolijiet f'Misraħ San Ġużepp.  Il-problema issa ssolviet u x-xogħol ser isir kif intalab.

13. Eddie Bonello rimarka li parti mil-*sleeping policeman* fi Triq ta' Rqajja inqalgħet.

14. Il-Kunsilliera talbu lis-SE sabiex jiftaħ kont bankarju fejn fih jiġi depożitat il-flus kollha li l-Kunsill jaqla mil-kera tal-ground tal-*football*.

15. Eddie Bonello staqsa lis-Sindku rigward ix-xogħol ta' tisbiħ li ser jsir mil-Public Works fiż-żona Ta' Amparell. Is-Sindku qal li f'din l-area diġa sar ħajt u l-ħsieb

huwa li jitħawlu siġar Maltin u jitpoġġew bankijiet sabiex din issir żona ta' rikreazzjoni. Publius Abdilla talab lis-Sindku jistaqsi lil *foreman* għal pjanta ta' dan il-post.

16. Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, ġie approvat l-arranġament tal-ħinijiet tax-xogħol tas-sajf għall-ħaddiema tal-Kunsill.

17. **Il-Payment Approval** Sheet No. 52 ġiet approvata.

18. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 15 ta' Lulju, 2010.

19. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

Approvati llum 15/07/2010

Sindku                    Segretarju Eżekuttiv